MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2005

Numru 270/2005

**App Nru 270/05**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Emanuel Cutajar**

**Il-Qorti**:

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Emanuel Cutajar talli bi ksur ta’ l-Artikolu 43(1)(c) tal-Att ta’ l-1999 dwar Servizzi ta’ l-Ivjaggar u tat-Turismu ghal Malta (Kap. 409), wara li fl-20 ta’ Ottubru 2004 kien gie notifikat b’avviz ta’ infurzar fuq tqeghid ta’ mwejjed jew ghamara ohra fuq barra ta’ l-Aragosta Restaurant, Triq ix-Xtut, Marsalforn, Ghawdex, fl-24 ta’ Marzu 2005 u fil-granet ta’ wara, naqas milli jhares xi wahda mill-htigiet ta’ dan l-avviz peress li pogga mwejjed u siggijiet barra l-istabbiliment imsemmi u ma rregolarizzax il-posizzjoni tieghu;

Rat l-ammissjoni registrata mill-imputat fl-udjenza tal-15 ta’ Settembru 2005 (fol. 2 ta’ l-atti);

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tal-15 ta’ Settembru 2005 li permezz taghha dik il-qorti iddikjarat lill-imsemmi Emanuel Cutajar hati skond l-imputazzjoni dedotta kontra tieghu u kkundannatu ammenda ta’ hamsa w ghoxrin lira (Lm25);

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-Avukat Generali, minnu ppresentat fl-4 ta’ Ottubru 2005, li permezz tieghu talab ir-riforma ta’ l-imsemmija sentenza riferibbilment ghall-piena erogata mill-ewwel qorti;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-lum; ikkunsidrat:

L-appellant Avukat Generali qed jappella fuq il-piena. Huwa jikkontendi li l-piena applikabbli hija dik specifikata fl-Artikolu 43(1) tal-Kap. 409, u cioe` ta’ multa ta mhux anqas minn hames mitt lira u mhux aktar minn ghaxart elef lira. L-appellant ghandu ragun. L-imputazzjoni kjarament tipotizza r-reat kontemplat fil-paragrafu (c) tas-subartikolu (1) ta’ l-Artikolu 43 tal-Kap. 109 – disposizzjoni, din, li giet anke msemmija specifikatament fid-*decide* tas-sentenza appellata – u mhux ir-reat, totalment differenti, kontemplat fil-paragrafu (3) tar-regolament 23 ta’ l-A.L. 128/2002 (kif sussegwentement emendat) – li seta’ sgwida lill-ewwel qorti – liema paragrafu jikkontempla multa (u ghalhekk fi kwalunkwe kaz mhux ammenda) ta’ hamsin lira. Ghalhekk hemm lok li l-appell jigi akkolt.

Ghall-motivi premessi, tilqa’ l-appell ta’ l-Avukat Generali u konsegwentement tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha f’dik il-parti fejn iddikjarat lill-appellat Emanuel Cutajar hati skond l-imputazzjoni kif dedotta kontra tieghu, thssarha u tirrevokaha f’dik il-parti fejn ikkundannatu ammenda ta’ hamsa w ghoxrin lira, u minflok, wara li rat l-Artikolu 43(1)(c) tal-Kap. 409, tikkundannah ihallas multa ta’ sitt mitt lira (Lm600).

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------